

22001D0114

L 322/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

6.12.2001

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 114/2001****tat-28 ta' Settembru 2001**

li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 58/2000 tat-28 ta' Ġunju 2000 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/299/KE tas-6 ta' April 2000 li tistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-bidu ta' apparat tar-radju u apparat terminali tat-telekomunikazzjoni u identifikaturi assoċjati magħhom ⁽²⁾ għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim,

ID-DEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 4zzi (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/511/KE) fil-Kapitolu XVIII ta' l-Anness II għall-Ftehim:

"4zzj. 32000 D 0299: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/299/KE tas-6 ta' April 2000 li tistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-bidu ta' apparat tar-radju u apparat terminali tat-telekomunikazzjoni u identifikaturi assoċjati magħhom (ĠU L 97, tad-19.4.2000, p. 13)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/299/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Frar 1998, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fit-28 ta' Settembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt għaż-ŻEE

Il-President

E. BULL

⁽¹⁾ ĠU L 237, tal-21.9.2000, p. 74.

⁽²⁾ ĠU L 97, tad-19.4.2000, p. 13.

^(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.